**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Marzu 2025**

**Rikors nru : 613/2024 AGV**

**PI**
**Vs**
**Dr Victor Bugeja u PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati ghal assenti SZ**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors datat 5 ta' Dicembru 2024;**

1. Kontestwalment ma’ dar-rikors, qed jigi pprezentat rikors ai termini tal-arikolu 930 tal-Artikoli 934 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 ta’ Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi l-partijiet izzewgu go Cinisi Sqallija, nhar it-12 ta’ Frar 2010, kif jirrizulta mic-cerifikat taz-zwieg, anness u mmarkat Dok A u minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal C u R , ahwa Z , li twieldu fl-15 ta’ Gunju 2010 u fil- 5 ta’ awwissu 2019, kif jirrizulta mil-atti ta ‘twelid rispettivi taghhom li jinsabu annessi u mmarkati bhala Dok B u Dok C, rispettivament.
3. Il- partijiet huma legalment separati permezz ta’ sentenza, ta ‘dil-Onorabbli Qorti, tal- 21 ta’ Novembru 2024 , li vera kopja taghha tinsab hawn annessa, mmarkata bhala Dok D, nonostante il-partijiet, ilhom separti de facto minn Mejju 2022.
4. M’ hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra li ilhom ghal dal-ahhar circa sentejn u nofs mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Tant hu hekk, li r-rikorrenti ma ghandha ebda informazzjoni dwar fejn jinsab l-intimat. U lanqas hemm pendenzi ta’ manteniment dovuti lilha.
5. Dal-fatti hawn fuq imsemmija, li qed jigu ikkonfermati mir-rikorrenti, fl-affdavit taghha. Anness u mmarkat Dok E, jissudisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad- divorzju, skont artikolu 66 B tal-Kap 16 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

**Ghaldastant l-esponenti umiliment titlob l’ dil-Onorabbli Qorti sabiex;**

1. **Tippronunzja l- hall taz-zwieg tal-partijiet, ai termini ta' artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligjjiet ta' Malta**
2. **Tordna lir-registratur tal - Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill -istess Qorti, javza lid- direttur tar- Registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.**

**Rat ir-risposta ta Dr Victor Bugeja U PL Luisa Tufigno , datata 9 ta' Jannar 2025;**

1. Illi l-presenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza, u ghalhekk jirriservaw id-dritt ulterjorament jekk kemm - il darba , ikun il-kaz

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi r-rikorrenti qed titlob il-hall taz-zwieg minn mal-intimat, rappresentat minn kuraturi deputati peress illi huwa assenti minn Malta u l-indirizz kurrenti tieghu mhux maghruf.

Bhala provi gew esebiti s-sentenza ta’ separazzjoni moghtija fil-21 ta’ Novembru, 2024, u affidavit tar-rikorrenti. Minn dawn il-provi jirrisulta li l-intimat ilu nieqes minn Malta ghal dawn l-ahhar tlitt snin, u r-rikorrenti ma tafx fejn qed jghix. Mill-assjem tal-provi l-Qorti hija sodisfatta illi jezistu l-elementi skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg ai termini tal-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar fit- 12 ta’ Frar 2010**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**